# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Illum, it-Tlieta 31 ta' Ottubru 2017**

**Rikors numru 1441/09**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1441/09**
**bl-ismijiet:**

**CBM Bookmaker International Limited (C 34497)**

**v.**

**1. Vincent Etienne Vella;**
**2. Emanuel Vella**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment li qed jinghata wara talba ta' Emanuel Vella biex jithalla jbiegh sehemu (parti minn tmienja) ta' proprjeta` gewwa San Gwann u jiddepozita r-rikavat, mistenni li jkun ta' €50,330, taht l-awtorita` tal-Qorti. Dan il-bejgh hu mizmum bis-sahha ta' Mandat ta'

Inibizzjoni numru 1441/09 milqugh u mahrug mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Settembru 2009.

Il-pretensjoni tal-allegat kreditur kienet giet imressqa b'citazzjoni numru 870/2009 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li, b'sentenza tas-6 ta' Ottubru, 2014, laqghet it-talbiet tal-kreditur. Il-konvenuti, fosthom ir-rikorrent odjern, appellaw mis-sentenza ghall-quddiem din il-Qorti, liema appell ghadu pendenti.

Ir-rikorrenti fl-2015 dahal f'konvenju ghal bejgh ta' sehemu mill-proprjeta` u qed jitlob ir-revoka parzjali tal-mandat imsemmi sabiex ikun jista' jipprocedi bil-bejgh.

Din il-Qorti ma taccettax din it-talba u dan ghal zewg ragunijiet principali:

(1) Fl-ewwel lok, ir-rikorrent ma ressaq ebda stima guramentata minn perit tekniku biex jiggustifika dak li fil-fatt qed jitlob, u cioe`, is-sostituzzjoni ta' sehemu fi proprjeta` bis-somma ta' €50,330. Din tista' tidher li hi s-somma li se jiehu jekk jigi ffirmat il-kuntratt a bazi tal-konvenju tal-2015, pero`, ma giex ippruvat li dik is-somma, fil-verita`, tirrapprezenta l-valur fis-suq ta' dak is-sehem.

(2) Fit-tieni lok, kif tajjeb tissottometti s-socjeta` intimata, ghadu mhux maghruf meta sejjer jigi deciz l-appell fil-kaz, u peress illi hu maghruf li l-valur tal-proprjeta` tghola maz-zmien, jista' jkun ippregudikat jekk il-proprjeta` mmobbli li sallum huwa kawtelat f'idejh tinbidel f'somma flus fissa, li l-valur tieghu generalment qieghed dejjem jonqos. Sehem ir-rikorrent, sena jew sentejn ohra, hu probabbli li jkun jiswa aktar minn €50,330 li fuqu qablu l-partijiet fuq il-konvenju tal-2015, u s-socjeta` allegata kreditrici ghandha dritt tibqa' zzomm din il-proprjeta`, darba wkoll li l-ligi taghti l-fakolta` lil kull kreditur li ma jaccettax hlas parzjali (Artikolu 1156 tal-Kodici Civili).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors ta' Emanuel Vella tal-31 ta' Awwissu 2017, billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra tieghu.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld